IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 22**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 26 ta' April 2016 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi-Ċerpersin |

**Peress illi ċ-Ċerpersin u l-Viċi Ċerpersin kienu skużati, ippresieda l-laqgħa l-aktar membru anzjan is-Sur George Attard.**

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B20**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B20 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-membru s-Sur George Attard u mis-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B20

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B20** Punti li joħorġu mill-Minuti B20

2.01 7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li x-xogħol kien sar. Ħsara fid-dawl, fi Triq Patri Tumas Xerri



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

## 3.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B21

3.01 Il-minuti tas-seduta nru B21 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-membru s-Sur George Attard u mis-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B21

## 4.00 It-Triq ta' Wied Rini

4.01 Saret diskussjoni dwar il-possibilità li ssir talba lill-*Transport Malta* sabiex it-triq ta' Wied Rini tingħata wiċċ ġdid, peress li r-residenti kif ukoll il-pubbliku qegħdin jagħmlu użu minn din it-triq, għalkemm tali triq ma tagħmilx parti mid-devjazzjoni maħruġa minn *Transport Malta*. It-Triq ta' Wied Rini

Is-Sna Marthese Cortis ipproponiet li tali talba ssir lil-Transport Malta. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Is-Sur Anġlu Portelli saħaq li mhux jaqbel ma din il-proposta, peress li hemm toroq oħrajn li huma aktar ta' prijorità. Peress li ma kienx hemm qbil unanimu, ittieħed vot. Il-proposta għaddiet b'żewġ voti favur u wieħed kontra.

## 5.00 Komunikazzjoni mill-Membri

5.01 Is-Sna Marthese Cortis ipproponiet li ssir talba lill-*Transport Malta*, sabiex isiru *traffic lights* temporanji bejn Għajn Klieb u Għajn Qajjet, bħal dawk li kien hemm Bieb ir-Ruwa. Dan sabiex meta x-xogħolijiet ikunu weqfin, kif ukoll fil-*weekends*, din it-triq tinfetaħ fuq *lane* waħda u b'hekk ir-residenti jonqsilhom xi ftit l-inkonvenjent. Issekonda din il-proposa s-Sur George Attard. Il-Kumitat qabel unanimament. *Traffic lights* temporaniji bejn Għajn Klieb u Għajn Qajjet.

5.02 Is-Sra Marthese Cortis infurmat il-laqgħa li l-bozza li hemm ħdejn ir-residenza "Sardinella", fil-limiti tal-Kunċizzjoni reġgħet tinsab maqtugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li din l-bozza kienet ser terġa tigi rrapurtata lil Korporazzjoni Enemalta. Bozza maqtugħa mar-residenza "Sardinella", il-Kunċizzjoni.

5.03 Is-Sur Anġlu Portelli qal li ħdejn il-bandli hemm bozza fuq arblu li tinsab maqtugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li din l-bozza kienet ser tigi rrapurtata lil Korporazzjoni Enemalta. Bozza maqtugħa ħdejn il-bandli

5.04 Is-Sur George Attard qal li fix-xagħri ta' quddiem Triq il-Lewż hemm arblu tad-dawl li meta jkun ir-riħ qed jisparkja. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li tali arblu kien ser jigi rrapurtata lil Korporazzjoni Enemalta. Arblu jisparka, fix-xagħri ta' quddiem Triq il-Lewż

## 6.00 Korrispondenza

6.01 Ma kien hemm l-ebda korrispondenza x'tiġi diskussa.

**7.00 Materji Oħra**

7.01 Ma kien hemm l-ebda materja oħra x'tiġi diskussa.

**8.00 Data tas-seduta li jmiss**

8.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 31 ta' Mejju 2016 fil-5.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

8.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 5 ta' Lulju 2016

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**